MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 139/2008/1

**Avviz Numru: 139/2008 SM**

**Matthew Caruana Smith**

**vs**

**Victor Felice**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-3 ta' Novembru 2010 il-Qorti tal-Magistrati ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti;***

*Rat r-rikors datat l-14 ta' Marzu tas-sena 2008, li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m' ghandux ikun ikkundannat:*

*1. Illi jhallas is-somma ta' erbat elef seba` mija u wiehed u sittin ewro u erba` u ghoxrin centezmu, (€4,761.24), rapprezentanti hlas li l-intimat gie kundannat ihallas mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara ittra ufficjali pprezentata kontra tieghu minn Saviour Muscat u martu Carmen Muscat taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, in virtu ta' klawsola 4 tal-ftehim ta' lokazzjoni tas-6 ta' Gunju tas-sena 2005, (Dokumenti A u B), iffirmat bejn l-intimat u l-konjugi Muscat, liema ittra ufficjali giet reza ezegwibbli skont il-ligi kontra r-rikorrenti, u liema hlas gie effettwat wara li gie pprezentat kontra r-rikorrent mill-konjugi Muscat mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 701/2007, anness bhala Dokument C, fil-konfront tieghu.*

*2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.*

*Rat ir-risposta datata s-16 ta' Mejju tas-sena 2008, li permezz taghha l-intimat iwiegeb is-segwenti:*

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent, u dan stante illi l-eccepjenti b'ebda mod ma jahti, jew xort` ohra ghandu jirrispondi, ghal nuqqasijiet da parti tal-attur li jadempixxi ruhu mad-disposti tal-klawsola 4 minnu citata – kundizzjoni li l-attur kien ben konsapevoli fil-mument li huwa accetta s-sub-lokazzjoni u li kien fl-obbligu tieghu li jissodisfa biex jigi rikonoxxut minn Saviour Muscat bhala inkwilin.*

*2. Illi konsegwentement, l-eccepjenti m'ghandux ibati ghall-azzjoni gudizzjarja lamentata mir-rikorrent, li wara kollox, jidher li l-istess rikorrent injora kompletament u ma kkontestax galadarba t-titolu ezekuttiv favur Saviour Muscat huwa naxxenti mill-prezentata ta' ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*3. Illi, subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ghal kull buon fini l-eccepjenti jiddikjara li hallas lil Saviour Muscat l-ammont ta' Lm2,000 rapprezentanti kera u valur ta' oggetti li nsabu neqsin mill-fond mikri. Dan jinghad peress illi l-eccepjenti mhux midhla ta' dak li*

*wassal ezattament ghall-proceduri gudizzjarji bejn l-attur u Saviour Muscat u f' kaz li dawn iz-zewg affarijiet huma relatati, jaf ikun opportun il kjamata in kawza tal-istess Saviour Muscat.*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Semghet ix-xhieda prodotta.*

*Ezaminat id-dokumenti ezebiti.*

*Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-versjoni tar-rikorrent tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:*

*1. Illi r-rikorrent kien kera bar jismu "Angies", Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar minghand l-intimat u dan, permezz ta' skrittura privata datata l-21 ta' Novembru tas-sena 2005.*

*2. Illi l-iskrittura privata fuq indikata kienet giet redatta quddiem in-Nutar Dr. Sharon Zammit Fiorentino.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-intimat sintetikament isostni s-segwenti:*

*1. Illi originarjament hu kien kera l-hanut in dizamina minghand Saviour Muscat.*

*2. Illi wara gestjoni ta' madwar disa` (9) xhur l-intimat kien avvicinat mill-mama` tar-rikorrent biex il-hanut jinkera minn binha.*

*3. Illi wara li kkonducew xi trattattivi u qabblu fuqhom, il-partijiet marru ghand l-imsemmija nutar biex jiffirmaw dak li ftehemu fuqu.*

*4. Illi wara li giet redatta u moqrija l-iskrittura privata de quo, il-partijiet iffirmaw l-istess skrittura.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi nonostante x-xhieda prodotta l-kawza odjerna tirrizulta li skont l-avviz promotur hi proprjament fuq is-segwenti:*

*1. Illi qed jintalab pagament wara ittra ufficjali pprezentata minn certu Saviour u Carmen Muscat kontra l-intimat.*

*2. Illi din l-ittra ufficjali giet minnhom hekk prezentata taht dak provdut ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi jirrizulta li l-azzjoni odjerna hi intavolata minn rikorrent li fl-istess talbiet tieghu juri li m' ghandu l-ebda interess guridiku f'din il-procedura.*

*Illi di piu`, il-provi mressqa jidhru li huma estranei ghall-istess talbiet stante li r-rikorrent ma jiffigurax fit-talbiet minnu stess imresqa.*

*Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji r-risposta tal-intimat, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrent Caruana Smith, bl-ispejjez".*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Matthew Caruana Smith datat 19 ta' Novembru 2010 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Victor Felice (ID 376268M) datata 18 ta' Jannar 2011 a fol 10 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti

hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet, Victor Felice prezenti. Dr. Josette Grech ghall-appellant ghamlet referenza ghal sentenza fl-ismijiet **"SD Vella Co Ltd vs Calypso Manufacturing Ltd"** Appell Civili Nru: 295/04, deciza fl-10 ta' Jannar 2007. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 3 ta' Novembru 2010.

Rat ir-rikors tal-appellant fejn talab korrezzjoni b'dan li l-kelma "intimat" fit-tieni linja tal-avviz tigi sostwita bil-kelma "rikorrenti", u l-Qorti cahdet it-talba.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravji tal-attur appellant huma (a) gie ppruvat li huwa gie kostrett ihallas l-ammont ta' sorte wara proceduri kontra tieghu minn Saviour u Carmen Muscat bhala speci ta' laudemenium sabiex jigi rikonoxxut bhala nkwilin tal-fond de quo, meta fil-ftehim ta' lokazzjoni mal-intimat huwa ma kellu l-ebda obbligu bhala tali, u ghalhekk huwa ghandu d-dritt li jdur fuq l-intimat sabiex jithallas dan l-ammont; (b) la l-kliem tal-iskrittura huwa car ma hemmx lok ta' produzzjoni ta' ebda xhieda sabiex tikkontradixxi dak miktub – *"contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur"* (**"Amante Caruana vs Saveria Bonnici"** – P.A. – 31 ta' Jannar 2003) u dan apparti li x-xhieda prodotti kkonferma dak miktub; (c) l-attur kellu interess guridiku li jaghmel l-azzjoni u dan kien reali u attwali u johrog minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur

u f'dan is-sens irid ikun persnonali **"Falzon Sant Manduca vs Weale"** (A.C. -= 9 ta' Jannar 1959. Vol. XLIII.i.11); **"Fenech Adami vs Abela"** (A.C. – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. XXXIII.ii.331); **"Eminyan vs Mousu' proprio et nomine"** (A.C. – 28 ta' Frar 1997 – Vol. LXII.ii.429; **"Scerri vs Farrugia"** (P.A. (RCP) – 1 ta' Ottubru 2002; **"Persiano vs il-Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (JRM) – 18 ta' Jannar 2001), liema interess tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront tal-intimat (**"Francis Tonna vs Vincent Grixti"** P.A. (JSP) 13 ta' Marzu 1992) – Vol. LXXVI.iii.592.

Illi mill-provi jirrizulta li l-intimat kera l-bar "Angies" , fi Triq ir-Ramel, San Pawl il-Bahar lir-rikorrenti skond skrittura privata datata 21 ta' Novembru 2005 redatta min-Nutar Dr. Sharon Zammit Fiorentino, liema hanut kien originarjament mikri lill-intimat minn Saviour Muscat permezz ta' skrittura datata 6 ta' Gunju 2005 (Dok. "B"); kien biss f'din l-ahhar skrittura li skond klawsola 4 tal-istess gie pattwiet li f'kaz ta' sullokazzjoni, din ghandha ssir skond l-istess pattijiet u kondizzjonijiet tal-kirja, b'kirja mhux anqas minn dik stipulata, u li l-inkwilin il-gdid irid ihallas sena kera bil-quddiem lis-sidien bhala speci ta' laudemju sabiex jigi rikonoxxut bhal il-kerrej il-gdid mid-sid.

Illi gara li fl-iskrittura bejn il-partijiet odjerni datata 21 ta' Novembru 2005 (Dok. "MCS" – fol. 15 u 16), tali kondizzjoni ma tnizzlitx, izda xorta wahda l-appellant gie rinfaccjat b'ittra ufficjali skond l-**artikolu 166A tal-Kap. 12** datata 4 ta' Mejju 2006 (Dok. "MCS 2" – fol. 17) sabiex ihallas l-ammont ta' Lm1,825 ai termini ta' klawsola 4 tal-ftehim originali tas-6 ta' Gunju 2005 bejn Saviour Muscat u Victor Felice, li l-appellant hallas meta ffacjat b'mandat ta' sekwestru numru 701/20007, u allura saret din il-kawza sabiex l-appellant jigbor il-flus minghand l-appellat, proprju ghaliex tali ammont kellu jhallsu meta dan ma kienx parti mill-ftehim bejniethom.

Illi l-Ewwel Qorti sostniet li l-azzjoni odjerna hi ntavolata mir-rikorrenti li fl-istess talbiet tieghu juri li m'ghandu l-ebda interess f'din il-procedura, u li l-provi mressqa jidhru

estranei ghall-istess talbiet stante li r-rikorrenti ma jiffigurax fit-talbiet minnhu stess imressqa.

Illi dan jidher li sar peress li bi zvista fl-Avviz tal-kawza inghad li l-hlas tas-sorte origina meta *"intimat"* (allura minflok ir-rikorrenti) hallas l-ammont indikat wara l-ittra ufficjali notifikata lilhu minn Saviour u Carmen Muscat, u allura din il-Qorti qed tifhem li b'hekk l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni hemm raggunta ghaliex jidher li fl-istess rikors la darba bi svista intuzat l-kelma "intimat" minflok "rikorrenti", l-appellant ma hallas xejn lill-konjugi Muscat.

Illi izda bir-rispett dovut dan mhux il-mod li kawzi jigu decizi, u dan peress li jidher car li dan l-izball fl-avviz fejn jissemma l-intimat minflok ir-rikorrenti kien wiehed bi svista u ta' *typing*, tant li l-appellat fehem u allura kulhadd fehem li l-hlas wara l-ittra ufficjali tal-4 ta' Mejju 2006 (Dok. "MCS 2") sar mir-rikorrenti, tant li fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat stess sostna li huwa ma ghanndu jirrifondi xejn lill-attur, peress li l-attur kien jaf b'tal kondizzjoni ta' klawsola 4 tal-kuntratt datat 6 ta' Gunju 2005, u dan ghaliex l-attur kien jaf b'tali kundizzjoni, u wkoll ghaliex l-attur ma ghamel xejn sabiex jikkontesta l-ittra ufficjali li rrendiet titolu esekuttiv il-pretensjoni ta' Muscat kontra l-appellant u dan minbarra eccezzjonijiet ohra.

Illi kull ma kellu jsir kien li f'dak l-istadju ssir il-korrezzjoni necessarja, izda anke kieku l-istess ma gietx akkordata fi kwalunkwe kaz jirrizulta car mill-kliem tal-istess avviz u mill-atti kollha esebiti, li s-sens tal-kliem u l-perm tal-azzjoni attrici kien li l-attur hallas l-ammont rikjest minn Muscat, u allura ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni kellha tittiehed f'dan is-sens u dan kien fil-fatt is-sens li kulhadd fehem l-istess kawza, tant li l-provi kienu fuq il-mertu, u qatt ma gie kontestat, lanqas mill-intimat li tali ammont ta' sorte ma thallasx mill-appellant lil Muscat, u ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-appellat quddiem l-Ewwel Qorti kienu fis-sens li kienu, u mhux fuq dan il-punt.

Illi la darba l-Qorti indunat b'tali zball dattilografu, setghet jew tat digriet sabiex tirranga l-istess, u dan anke billi

tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, ggib l-istess a konjizzjoni tal-partijiet u ssir it-talba u l-korrezzjoni necessarja, u dan iktar u iktar meta jidher car li kienu jezistu l-elementi necessarji sabiex issir tali korrezzjoni skond l-**artikolu 175 tal-Kap. 12,** u dan ghaliex bil-mod kif redatta l-azzjoni u l-eccezzjonijiet, tali korrezzjoni la kienu ser jaffetwaw l-azzjoni attrici u wisq inqas l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Setghat ukoll f’kull stadju informat b’dan lill-partijiet, u allura ssir talba *ad hoc* ta’ korrezzjoni, izda ma kellhiex taghti sentenza proprju minhabba tali zball, ghaliex jigi li trattat punt, u ddecidiet punt, fuq accident li lanqas kien biss diskuss quddiemha bejn il-partijiet, proprju ghaliex kullhadd fehem li l-hlas imsemmi fl-avviz sar dejjem mir-rikorrenti u mhux mill-intimat.

Illi fi kwalunkwe kaz jidher li t-talba attrici dejjem saret fil-kuntest li din kienet marbuta mal-hlas li l-attur u mhux l-intimat ghamel u dan jidher car mill-kontenut tal-istess Avviz fejn saret riferenza ghall-atti gudizzjarji li gew ipprezentati kontra r-rikorrenti (u mhux l-intimat), nkluza l-ittra ufficjali u l-mandat ta’ sekwestru msemmija u individwati fl-istess avviz, u dawn dejjem saru fil-konfront tar-rikorrenti, li kien ghalhekk kostrett li jhallas, u kwindi t-talba attrici ma setghtex hlief tiftiehem (kif di piu l-intimat fehma), li kien proprju r-rikorrenti li ghamel tali hlasijiet lill-Muscat u allura l-azzjoni attrici tiftiehem car f’dan is-sens anke kif inhi.

Illi fil-verita’ qatt ma kien hemm dubju dwar is-sinifikat, u l-portata taghha, tant li din lanqas u qatt ma kienet tifforma l-kostestazzjoni bejn il-partijiet, ghaliex kull parti fehemet li kien ir-rikorrenti jew l-attur li ghamel il-hlas lill-Muscat, u ghaliex il-proceduri li nbdew mill-konjugi Muscat jirrizultaw mill-istess Avviz u l-atti kollha relattivi li kienu kontra l-istess attur/appellant u kien allura l-attur li kien qed jitlob li jigi mhallas l-istess somma mill-intimat sabiex jigi rifuz l-istess ammont. Ghalhekk fil-verita’ ma kien hemm l-ebda mod iehor kif kellha tiftiehem u fil-fatt intfehmet l-azzjoni attrici, anke jekk kollox jibqa’ kif inhu, u dan ghaliex altrimenti ma kien jaghmel sens xejn, wisq inqas il-kontestazzjoni attwali u li saret bejn il-partijiet fl-ewwel istanza.

Illi dwar il-mertu ma hemmx dubju li fi kwalunkwe kaz jirrizulta li l-attur appellant kellu u ghandu l-interess guridiku necessarju sabiex jaghmel din il-kawza u dan ghaliex sabiex skond is-sentenza **"Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited vs Paul Muscat"** (P.A. (RCP) – 29 ta'Ottubru 2009) inghad li hemm diversi enuncjazzjonijiet gudizzjarji fuq dan tant li huwa pacifiku fil-gurisprudenza illi sabiex wiehed ikun jista' jipproponi kawza irid juri interess guridiku fit-talbiet hekk proposti. Hekk fil-kawza ***"*Edrichton Estates Limited vs Munro Philipps & Co Limited*".*** (P.A. (R.C.P.) – 2 ta' Ottubru 2003) gie ritenut li:

*"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur".* (**Muscat et vs Buttigieg et*".*** (27 ta' Marzu 1990 – Vol LXXIV.iii.481).

Illi fis-sentenza ***"*Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et*".*** ((A.C.) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:-

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilita' finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita esistenza o violazione del diritto".*

Illi qed issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ***"*Edgar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et*"*** (P. A. (J.C.C.) - 15 ta' Lulju 1952) fejn il-Qorit affermat illi:-

*"Citazzjoni tista' ssir biex tinghata semplici dikjarazzjoni, u*

*ma hemmx bzonn bilfors li tintalab dejjem kundanna …*
*biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata e*
*inammissibile".*

Illi sentenzi ohra rilevanti huma ***"*Alexander Eminyan vs John Mousu' pro et noe et*".*** (A.C. 28 ta' Frar 1997) u ***"*Saviour Scerri et vs Salvu Farrugia et*".*** (P.A. (RCP) - 1 ta' Ottubru 2002) fejn gie sostnut *"li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir".*

Illi tal istess portata huma s-sentenzi ***"*Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni*".*** (P.A. (JRM) - 18 ta' Jannar 2001); ***"*Albert Falzon Sant Manduca vs Bianche Weale*".*** (A.C. - 9 ta' Jannar 1959); ***"*Francis Tonna vs Vincent Grixti*".*** (A.C.- 13 ta' Marzu 1992).

Illi fil-kawza fl-ismijiet ***"*Gladys Magri et vs Market Intelligence Services Company Limited et*"*** (A.C. – 20 ta' Mejju 2009), l-Onorabbli Qorti tal-Appell gabret l-elementi ta' interess guridiku u rrieniet illi interess guridiku irid ikun attwali (jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza); irid ikun dirett; irid ikun legittimu (konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess); irid ikun guridiku (interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob); l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`; u dan ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur; il-kawza li jipproponi l-attur tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih; irid jigi

stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir; ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv. Ara wkoll ***"*Emmanuel Terribile vs Arthur Bajada*"*** (A.C. – 30 ta' April 2009) li trattat dan il-punt.

Illi applikati dawn il-principji ghall kaz in ezami ma hemm l-ebda dubju li tali interess tal-attur jississti ghaliex huwa hallas effettivament lill-Saviour u Carmen Muscat, pagament li kien kostrett ihallas bhala inkwilin tal-fond, pagament li kellu jsir skond skrittura privata datata 6 ta' Gunju 2005 bejn l-istess Muscat u l-appellat, izda li ma kienx inkorporat fl-iskrittura ta' lokazzjoni bejn l-appellant u l-appellat datata 21 ta' Novembru 2005 (Dok. "MCS" – fol. 15) u dan kif jidher car mill-istess skrittura.

Illi mill-provi prodotti jidher car ukoll mix-xhieda kollha prodotti mill-attur li l-ftehim bejn il-partijiet qatt ma kien jinkorpora bhala kondizzjoni tal-kirja tali pagament ta' sena kera lis-sidien tal-fond, u dan johrog car mix-xhieda tal-attur (xhieda 29 ta' Ottubru 2008 – fol. 12), u ta' Joseph Cassar (xhieda 10 ta' Dicembru 2008 – fol. 20). Ix-xhieda tan-Nutar Sharon Zammit Fiorentino (xhieda 28 ta' April 2009 – fol. 28) hija wkoll f'dan is-sens, tant li qalet li tali klawsola numru 4 fil-ftehim tas-6 ta' Gunju 2006, ma kienitx tifforma parti mill-ftehim redatt minnha bejn il-partijiet tal-21 ta' Novembru 2005, proprju ghaliex *"Victor Felice qal li dik il-klawsola ma kienet tohloq l-ebda problema u li kien ser jiehu hsiebha hu u l-kwistjoni waqfet hemmhekk. Jiena ghalhekk m'annettejtx kopja ta' din l-iskrittura illi jiena rredigjet"* (fol. 29).

Illi kif inghad fis-sentenzi **"Loreto Abela et vs Philip Xuereb et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' April 2008) u **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) - 30 ta' Novembru 2000) ikkonfermati ricentement mis-sentenza ta' din il-Qorti fl-isjmijiet **"Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Construction Company Limited"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Gunju 2011 *"ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta il-kliem ta'*

*konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha"* **("Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" -** A. C. 30 ta' Marzu 1997).

Illi dawn il-principji gew konsistentement ribaditi mill-Qrati taghna, nkluza fis-sentenzi **"Emmanuel Schembri et vs Leonard Ellul et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2000) u **"Suzanne Xeureb vs Gilbert Terreni"** (P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001) gie ri-affermat li *"huwa principju generali fl-interpretazzjoni tal-kuntratti dak stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 16** u cjoe' li meta "il-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu taz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni".* Ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Alfrida Borg vs Carmen Camilleri *et"*** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001) u **"General Cleaners Co. Ltd. Vs Attorney General et"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Novembru 2001).

Illi ma hemmx dubju li fil-kaz in ezami l-iskrittura tal-21 ta' Novembru 2005 bejn il-partijiet ma kienet tinkorpora ebda kundizzjoni ta' hlas mill-appellant lis-sidien Muscat, u allura jirrizulta li sabiex jigi rikonoxxut bhala kerrej, l-appellanti kellu jissokkombi ghat-talbiet gudizzjarji tas-sidien Muscat, anke mressqa bi proceduri gudizzjarji msemmija, u allura hallas l-ammont mertu tal-kawza odjerna, u dan ghaliex jidher car li l-appellat assuma li r-responsabbilta' tal-portata ta' klawsola 4 tal-iskrittura datata 6 ta' Gunju 2005, li mhux biss ma trasportax jew ma inkludiex fil-ftehim bejn il-kontendenti odjerni, izda skond in-Nutara Dr. Sharon Fiorentini kellu jiehu hsiebha huwa. B'hekk jirrizulta li l-appellat hallas debitu ta' haddiehor u ghalhekk ghandu d-dritt li jigu rifuz tal-istess mill-appellat skond kif indikat fl-avviz u kif indikat fir-rikors tal-appell tal-appellant, b'dan li l-appell tal-appellant odjern qed jigi milqugh u s-sentenza tal-Ewwel Qorti revokata, b'dan li minflok it-talba attrici qed tigi milqugha fil-konfront tal-konvenut appellat.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta' tal-appellat Victor Felice datata 18 ta' Jannar 2011 u dan in kwantu l-istess hija b'xi mod inkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Matthew Caruana Smith datat 19 ta' Novembru 2010, b'dan li tirrevoka u thassar is-sentenza fl-ismijiet "Matthew Caruana Smith vs Victor Felice" datata 3 ta' Novembru 2010 (Avviz Numru 139/08) b'dan li fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat, tilqa' t-talba tal-attur f'dik il-kawza fil-konfront tal-istess konvenut appellat u tikkundanna lill-istess konvenut appellat ihallas lill-attur appellant is-somma ta' erbat elef seba` mija u wiehed u sittin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu, (€4,761.24), rapprezentanti hlas li huwa gie kkundannat ihallas mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara ittra ufficjali pprezentata kontra tieghu minn Saviour Muscat u martu Carmen Muscat taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, in virtu ta' klawsola 4 tal-ftehim ta' lokazzjoni tas-6 ta' Gunju tas-sena 2005, (Dokumenti A u B), iffirmat bejn l-intimat u l-konjugi Muscat, liema ittra ufficjali giet reza ezegwibbli skont il-ligi kontra r-rikorrenti, u liema hlas gie effettwat wara li gie pprezentat kontra r-rikorrent mill-konjugi Muscat mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 701/2007, anness bhala Dokument C, fil-konfront tieghu.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-14 ta' Marzu 2008 sal-effettiv pagament kontra l-appellat/intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------